# X'INHU ALLA?

Minn
George Ebejer

Aħna naqraw hekk fl-Ittra lir-Rumani:

> "*Il-bnedim li jżommu l-verità mjassra fl-inġustizzja għandhom il-korla ta' Alla nieżla mis-sema fuq il-ħażen u l-inġustizzja kollha tagħhom…waqt li riedu jagħmluha ta' għorrief bliehu u bidlu l-glorja ta' dak Alla li ma jintemmx ma sura u xbieha tal-bniedem li jintemm….**Il-verità ta' Alla bidluha ma' gidba**, u taw il-ġieh u l-qima tagħhom lill-ħlejjaq flok ma tawhom lill-Ħallieq, li jkun imbierek għal dejjem. Amen*" (Rumani 1:18-25; enfasi tiegħi).

X'inhu qiegħed jiġri llum? Illum naraw statwi u pitturi fejn fihom naraw lil Alla l-Missier bħala raġel xiħ bil-baffi. Dan hu dak li huwa kkundannat fil-Kelma ta' Alla, u r-raġuni hija għaliex minħabba f'hekk dawk li qegħdin jagħmlu dawk l-affarijiet qegħdin "*ibiddlu l-glorja ta' dak Alla li **ma jintemmx** ma sura u xbieha tal-bniedem **li jintemm** ….**Il-verità ta' Alla bidluha ma' gidba***" Nistaqsi jien: Huwa dnub li tbiddel il-verità ta' Alla ma' gidba? Dak huwa dnub kbir! Ħafna niex sinċiera qegħdin jiġu mqarrqa b'dak il-mod!

Wieħed mill-aktar konċetti mifhuma ħażin fost l-ateisti u emmiena f'Alla l-istess hija l-mistoqsija ta'

x’inhu Alla. Ħafna nies għandhom konċett ta’ “raġel (fiżiku) xiħ fis-sema” kif naraw mill-istatwi u pitturi ta’ Alla. Ħafna għandhom it-tendenza li joħolqu Alla fix-xbieha tagħhom minflok il-kontra. Jidher li aħna lkoll naqgħu fin-nassa li naraw Alla li għandu l-istess dugħfijiet u preġudizzji li għandna aħna, u nonqsu għal kollox milli naraw in-natura reali ta’ Alla. Aħna wkoll nikkawżaw problemi u dubji enormi li huma kkawżati bil-għaġla permezz ta’ l-immaġini mentali u fiżika tagħna ta’ kif naraw lil Alla.

Minn punt di vista kemm Bibliku u kemm loġiku,, għandu jkun ċar li Alla ma jistax b’mod xieraq ikun mifhum bħala bniedem jew entità fiżika. Aħna naqraw deskrizzjonijiet ta’ Alla fil-Bibbja u, mingħajr eċċezz-joni, dawn id-deskrizzjonijiet mhumiex fiżiċi u lanqas li juruh bħala bniedem. Ikkonsidra din il-lista parzjali:

**Ġwanni 4:24,**

> “*Alla hu Spirtu: u dawk li jqimuh jaħtieġ li jqimuh fl-ispirtu u l-verità.*”

**Mattew 16:17.**

> “*…imbierek int, Xmun Bar-Ġona: għax mhux il-laħam u d-demm għarr-fek dan, imma Missieri li hu fis-smew-wiet.*”

**1 Ġwanni 1:5,**

> “*Alla hu dawl, u fih m’hemmx dlam.*”

**1 Ġwanni 4:8,**

> “*Alla hu mħabba.*”

**1 Ġwanni 4:16,**

> "*Alla hu mħabba; u min igħammar fl-imħabba jgħammar f'Alla,u Alla fih.*"

**Numri 23:19,**

> "*Alla mhux bniedem biex jigdeb; jew bin il-bniedem, biex jindem: jaqaw hu jgħid, u ma jagħmilx? Jew iwiegħed, u ma jżommx kelmtu?*"

**Isaija 55:9,**

> "*Għax bħalma s-smewwiet huma ogħla mill-art, hekk triqati huma ogħla minn triqatkom, u ħsibijieti minn ħsibijiet-kom.*"

**Ġob 9:32,**

> "*Alla mhux bniedem bħali, biex jien inwieġbu, jew immorru għall-ħaqq fli-mkien.*"

Huwa tassew li deskrizzjonijiet fiżiċi jew umani jistgħu jkunu applikati għal Alla meta l-Bibbja tispjega kif Alla jagħmel l-affarijiet. Ikkonsidra dawn l-eżemp-ju:

**Salm 36:7,**

> "*Kemm hi għażiża t-tjieba tiegħek. O Alla! Għalhekk ulied il-bnedmin iqiegħdu t-tama tagħhom taħt id-dell ta' ġwinħajk.*"

**Isaija 1:15,**

*“Għalhekk x’ħin tmiddu jdejkom biex titolbu, naħbi għajnejja minnkom…”*

**1 Pietru 3:12,**

*“Għax għajnejn il-Mulej huma fuq dawk li jagħmlu s-sewwa, u widnejh miftuħa għat-talb tagħhom; imma ħarset il-Mulej hi fuq dawk li jagħmlu d-deni.”*

**Numri 11:23,**

*“…U l-Mulej qal lil Mosè: Ewwilla qsaret id il-Mulej?*

**Atti 11:21,**

*“U id il-Mulej kienet magħhom…”*

L-użu ta’ lingwa biex tgħin huwa familjari magħna l-lkoll. Meta aħna nitkellmu dwar “id-drigħ twil tal-liġi” nfissru aħna li meta xi ħadd jikser il-limitu tas-sewqan dan jista’ jikkawża id li toħroġ mis-sema u toħorġ mill-karozza tiegħu? Dan huwa kliem użat biex jiddeskrivi kif inhi xi ħaġa jew kif taġixxi. Hekk ukoll, huma xi deskrizzjonijiet ta’ l-attività ta’ Alla. Id-des-krizzjonjiiet kollha, iżda, huma għalkollox mhux tal-bnedmin jew fiżiċi.

Jista’ jinstema’, mela, bħallikieku Alla ma jistax ikun mifhum, waqt li l-imħuħ tagħna għandhom limit-azzjonijiet, dan mhuwiex il-każ. Dak li aħna għandna nagħmlu biex nifhmu n-natura ta’ Alla huwa li napp-likaw teknika tax-xjenza. Kif aħna nifhmu elettron? Aħna ma nistgħux naraw elettron għaliex din hija

żgħira ħafna. Aħna ma nistgħux nerfgħu, immissu, inxommu, jew intiegħemu elettrona waħda għal l-istess raġuni. X'nagħmlu biex nifhmu elettron huwa li nistudjaw il-proprjetatjiet tagħha. Billi nħokku biċċa lastiku iebsa fuq qattusa u mmissuha ma' ditekter (apparat biex wieħed josserva l-bidla li ssir fil-pressjoni jew temperatura, metalli, splussivi, eċċ.), aħna nistgħu nistabbilixxu xi wħud mill-proprjetajiet tiegħu.

Permezz ta' espermimenti aktar elaborati, aħna nist-għu nistabbilixxu proprjetajiet oħra. Eventwalment, aħna nistgħu nidentifikaw tant proprjetajiet li aħna nkunu nistgħu nibdew nużaw elettroni għal affarjiet prattiċi bħal settijiet tat-televiżjoni. L-istess metodu huwa nvolut f'li nifhmu l-atomu, newtroni, fotoni, me-żoni, u verjetà ta' fenomena oħra fix-xjenza. Ħwejjeġ bħal imħabba, lealtà, patrijottiżmu, u oħrajn bħal dawn kollha huma ttrattati b'dan l-istess mod li għad-na kif rajna.

Biex nifhmu lil Alla, aħna għandna nistudjaw il-proprjetajiet Tiegħu. Xi jkun qiegħed isir meta l-Bibbja tgħid ħwejjeġ bħal "Alla hu mħabba," "Alla hu dawl," Alla hu Spirtu," u oħrajn bħal dawn? Dawn huma proprjetajiet ta' Alla, mhux hekk? Il-Bibbja sempliċiment qiegħda tgħinna ħalli nikkomprendu xi ħaġa li ma tistax tkun adattata għal osservazzjoni empirika. Aħna nistgħu għallaqnas nifhmu lil Alla kompletament daqs kemm aħna nistgħu nikkomprendu elettron permezz ta' din it-teknika. ħafna nuqqasijiet ta' għarfien dwar ir-relazzjoni ta' Alla u tal-bniedem Lejh huma mniżżla fil-fond f'din id-diffikultà. Ħalli neżaminaw xi ftit waqtiet dwar dan.

**Alla u ż-Żmien**

Wieħed mill-aktar attributi importanti ta' Alla biex tifhem huwa l-fatt li Alla huwa indipendenti miż-żmien jew ħin. Alla ħalaq iż-żmien! Il-punti kollha taż-żmien huma *issa* għal Alla. Il-Bibbja turi dawn ir-relazzjonijiet b'passaġġi bħal dan:

> "*Imma ħaġa waħda, maħbubin, għandkom iżżommu f'moħħkom, li jum wieħed quddiem il-Mulej* ***hu*** *bħal elf sena, u elf sena bħal jum wieħed.*" (2 Pietru 3:8).

Huwa importanti li tirrealizza li Einstein ivverifika n-natura relattiva taż-żmien. Iż-żmien mhuwiex sustanza ħafifa tas-smewwiet li għaddejja b'mod ibbilanċjat indaqs matul il-kożmu. Iż-żmien huwa xi ħaġa maħlu-qa, teżisti biex il-materja tkun tista' teżisti u b'hekk id-dinja fiżika tista' tkun. Aħseb dwar l-għarfien li huma marbuta mar-realizzazzjoni li Alla huwa indi-pendenti miż-żmien!

**Kif Alla jista' jisma' t-talb tagħna f'daqqa waħda?** Alla għandu l-eternità kollha biex jisma' għat-talba ta' l-aħħar sekonda ta' pilota li jkun nieżel fi fjammi kbar. Iż-żmien ma jillimitax lil Alla.

**Kemm żmien Alla kien jeħtieġ biex joħloq id-Dinja?** Xejn! Alla ħalaq iż-żmien. Hu seta' għamel kollox jew kull ħaġa f'waqt wieħed jew Hu seta' ħa miljuni ta' biljuni ta' snin. Isma' xi jgħid il-kittieb tas-Salmi dwar l-art u kull ma fiha:

> "*Għax hu tkellem, u hi saret; hu ordna, u hi twaqqfet*" (Salm 33:9).

### X'inhi l-Eternità?

Hija dik is-soluzzjoni fejn iż-żmien *ma jeżistiex*!! Irrealiza li jekk ma hemmx żmien ma hemm lanqas mewt. Il-mewt hija dipendenti fuq il-mogħdija taż-żmien. Ukoll ma jkunx hemm uġigħ fiżiku jew dmugħ jew biki! Dawn il-ħwejjeġ kollha jiddependu fuq iż-żmien. Dak li aħna għandna huwa qbil perfett ma' Rivelazzjoni 21:4,

> "*U jimsaħ Alla kull demgħa minn għajnejhom; u ma jkunx hemm iżjed mewt, u la għali, u la biki, u lanqas uġigħ iżjed: għax l-ewwel ħwejjeġ ikun għaddew.*"

**Min fejn ġie Alla jew min ħalaq lil Alla?** Jekk Alla ħalaq iż-żmien, mela Hu kien fl-eżistenza qabel il-bidu. Dan ifisser li Alla ma kellu ebda bidu u Hu ma kienx maħluq. Fil-fatt, l-uniku mod li l-materja fiżika tista' teżisti huwa li tkun maħluqa minn Alla indipendenti miż-żmien. Meta ż-żmien jieqaf, kif jgħid it-Tieni Pietru 3:10, il-materja ddub, tispiċċa.

### Alla u l-Ispazju

Wieħed mill-konċetti l-aktar interessanti ta' Einstein jinvolvi r-relazzjoni taż-żmien u l-ispazju. Il-punt huwa li l-ispazju u ż-żmien huma relatati b'mod in-timu. Fl-astonomija llum, aħna nitkellmu dwar "żmien ta' l-ispazju," li jindika din l-interdipendenza. Biex tara dan, inti tista' taħseb dwar kif int tista'

tivvjaġġa li kieku int kont indipendenti mil-limitazzjonijiet taż-żmien (jew ħin). Jekk iż-żmien ma jgħaddix għalik, int tista' tkun f'Kalifornja, New York, Miami, u fuq il-qamar kollha fl-istess ħin—istantanjament. Aħna saħansitra ngħidu, "Li kieku kelli żmien biżżejjed, jiena kont nagħmel…" (dak kollu li ma lħaqtx għa-milt). Aħna lkoll nagħrfu liż-żmien (jew il-ħin) jilli-mita dak li aħna nistgħu nagħmlu u fejn aħna nistgħu nkunu fl-ispazju.

Jekk Alla huwa indipendenti miż-żmien, mela loġikament jiġi li Hu għandu jkun ukoll bla limitu fl-ispazju. Jekk kull biċċa ta' żmien hija *issa* għal Alla, mela kull punt fl-ispazju għandu wkoll ikun hawn u issa għal Alla. L-idea li Alla qiegħed kullimkien tagħmel sens perfett meta nħarsu lejha f'dan il-mod. Passaġġi bħal Atti 17:18 ("Għax aħna fih ngħixu, u nit-ħarrku, u għandna l-eżistenza tagħna…") ma jieħdu l-ebda konnotazzjoni realistika jekk aħna tassew naħsbu dwar il-vera natura ta' Alla għal dan il-punt. Adam u Eva ħasbu li huma kienu jistgħu jistaħbew minn Alla. David ħaseb li kien jista' jikkommetti dnub terribbli ma' Bat-seba' u b'xi mod Alla ma kienx se jinduna bih. Id-dixxipli ta' Ġesù jistgħu ma jifhmux lis-saltna ta' Ġesù "mhijiex ta' din id-dinja."

Illum jeżistu l-istess problemi u nuqqas ta' għarfien. Ħafna nies ma jifhmux li f'Alla "aħna ngħixu, u nit-ħarrku, u għandna l-eżistenza tagħna." Aħna għandna nies li jħossu li l-imġieba tagħhom fil-bini tal-knisja u fil-ħajja tagħhom ta' kuljum huma indipendenti minn xulxin. Jekk aħna tassew nifhmu u nemmnu li "aħna fih ngħixu, u nitħarrku, u għandna l-

eżistenza tagħna," imbagħad ipokresija deliberata u li ngħixu f'oppożizz-joni għall-prinċipji Bibliċi jkunu impossibbiltajiet. Aħna nintroduċu wkoll nuqqas ta' sigurtà u falliment li nemmnu li Alla jagħmel differenza meta aħna nonq-su li nifhmu n-natura Tiegħu.

Aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid, dejjem lesti li ngħinuk bl-aħjar mod li nistgħu biex "*tagħraf il-verità li tista' teħilsek*" (Ġwanni 8:31-32).

Għal aktar informazzjoni jew għall-kors tal-Bibbja bil-korrispondenza bla ħlas ikteb lill:


Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10
Malta

Ħin tal-Laqgħat:
Il-Ħadd – 10.30 a.m.
L-Erbgħa: 7.00 p.m.
www.churchofchristmalta.com
E-mail: info@churchofchristmalta.com